MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 184/2009

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€378.75) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€378.75), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------